MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Numru 1114/2005

**HSBC Bank Malta Plc (C-3177)**
**Vs**
**Maria Isabella sive Marisa Spiteri (I.D. 476757 M)**
**u zewgha Raymond Spiteri (I.D. 380157 M)**

**Il-Qorti**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Premess illi fid-9 ta' Novembru 2004 giet liberata a favur is-socjeta' attrici s-segwenti propjeta':

L-utili dominju temporanju ghaz-zmien kollu li kien ghad fadal mill-hamsin (50) sena li bdew jghaddu mit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u seba' u sebghin (1977), prorogabbli ghal zewg perjodi ohra ta' hamsin (50) sena kull darba, tad-dar u l-garaxx anness maghha, it-tnejn minghajr numru stradali, d-dar jisimha ''L-Armandier'' fi Triq Patri Guze Delia Hal-Balzan, konfinanti mit-Tramuntana, ma' l-imsemmija triq, mill-Punent ma' propjeta' ta' Costantino Borg u mill-Lvant ma' beni ta' George Darmanin, liema propjeta' hija soggetta ghac-cens annwu, temporanju u rivedibbli indikat fl-att ta' l-akkwist bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha.

L-akkwist ta' dina l-propjeta' giet registrata a favur is-socjeta' attrici fis-26 ta' Lulju 2005 u dana kif jirrizulta mill-anness dokument li qieghed jigi mmarkat bhala dokument A.

Peress illi dina l-propjeta' kienet tappartjeni lill-konvenuta Maria Isabella, sive Marisa Spiteri u precedentement kienet tappartjeni liz-zewg konvenuti Marisa u Raymond flimkien.

Peress illi sa mid-data ta' l-akkwist tal-propjeta' in kwistjoni mis-socjeta' attrici, l-propjeta' kienet u baqghet okkupata u detenuta mill-konvenuti abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Peress illi fit-13 t'Ottubru 2005, is-socjeta' attrici nterpellat lill-konvenuti sabiex jizgumbraw mill-propjeta' in kwistjoni – dokument B – izda huma baqghu inadempjenti u billi jezistu l-elementi kontemplati fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta ghal ezenzjoni tas-smiegh tal-kawza billi fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jgibu kontra din it-talba ta' zgumbrament u dana kif jirrizulta wkoll mill-anness affidavit – dokument C.

Jghidu ghalhekk, il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex, ghar-ragunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap tnax (12):

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw u jiddetjenu l-propjeta’ konsistenti f’dar u f’garaxx liema dar tissejjah ‘’L-Armandiere’’ fi Triq Patri Guze Delia Balzan u dana flimkien ma’ l-accessorji, drittijiet u peritenzi kollha taghha abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Tordna, ghalhekk l-izgumbrament tal-konvenuti mill-istess propjeta’ u dana fi zmien qasir u perentorju li ffissat lilhom minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti, li minn issa jibqghu imharrkin ghas-subizzjoni u salv kull azzjoni ohra inkluza dik ghad-danni spettanti mis-socjeta’ attrici kontra l-konvenuti skond il-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol.3 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti b’dan li fir-rigward tat-tieni talba l-Qorti qed tiprepiggi terminu ta’ xahar zmien improrogabbli millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------